BAŻILIKA SAN ĠORĠ



# PROGRAMM
## TAS-SENA PASTORALI
## 2019-2020

## A. GRUPPI TA' FORMAZZJONI, KATEKEŻI U KARITÀ

**KATEKIŻMU FIĊ-ĊENTRI**

Il-katekiżmu fiċ-Ċentri tad-Duttrina jibda **fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru**. Kull tifel u tifla mistenni jattendi tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa.

**TĦEJJIJA GĦALL-EWWEL TQARBINA U L-GRIŻMA TAL-ISQOF**

Il-laqgħat huma kull nhar ta' Ħamis fil-5.30pm u jibdew fl-**10 ta' Ottubru** b'introduzzjoni għall-ġenituri u t-tfal flimkien.

**23FOUR ADOLEXXENTI U ŻGĦAŻAGĦ**

L-*Opening Celebration* hi nhar il-Ħamis **3 ta' Ottubru** fis-7.30pm fil-Bażilika għall-istudenti tal-gruppi kollha u l-ġenituri. Il-ġimgħa ta' wara jibdew il-laqgħat tal-gruppi differenti.

**MIXJA TA' TĦEJJIJA GĦALL-GĦARAJJES**

L-ewwel laqgħa tkun il-Ħadd **13 ta' Ottubru** fid-9.30am fis-Sala Parrokkjali.

**GRUPP TAL-FAMILJI**

Jibda jiltaqa' nhar is-Sibt **28 ta' Settembru** fis-7.30pm fis-Sala Parrokkjali, u jmexxih Dun Richard N. Farrugia. Mistednin il-familji kollha.

**KATEKEŻI GĦALL-ADULTI "10K"**
L-ewwel laqgħa tkun it-Tnejn **21 ta' Ottubru** fis-7.15pm. Mistednin adulti u koppji żgħar.

**L-ANZJANI**
L-anzjani jkomplu b'attivitajiet minn żmien għal żmien li dwarhom ikunu vżati bil-Bullettin tal-Ħadd.

**LECTIO DIVINA FUQ IL-VANĠELU TAL-ĦADD LI JMISS**
Il-grupp se jiltaqa' kull nhar ta' Ġimgħa fis-6.30pm fil-Kunvent ta' Santu Wistin, u jitmexxa minn Patri Peter Paul Cachia OSA. L-ewwel appuntament hu fl-**4 ta' Ottubru**.

**GRUPP TAL-ABBATINI**
L-ewwel laqgħa mis-seminarista Andrew Grima għall-abbatini u l-ġenituri se tkun is-Sibt **28 ta' Settembru** fis-6.45pm.

**GRUPP TAL-AWTIŻMU**
L-ewwel quddiesa se tkun nhar is-Sibt **28 ta' Settembru** fis-7.00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**L-IKLA GĦAS-SAĊERDOTI**
Kull nhar ta' Sibt, ibda mill-ewwel Sibt ta' Ottubru.

***Nistednukom għall-Quddiesa tal-Ftuħ tas-Sena Pastorali, nhar il-Ħadd 6 ta' Ottubru, fl-10.00am.***

## B. **HOME VISITS U TBERIK TAD-DJAR**

Din is-sena l-*home visits* se jkunu mqassmin matul is-sena kollha u se nżidu l-kategorija tal-għarajjes. Dan għaliex inħossu li dawn huma l-futur tal-Parroċċa u nistgħu nassistuhom iktar mill-qrib.

1. **Nhar ta' Tlieta, minn Ottubru sa Diċembru:** *Home visits* lill-istudenti residenti Malta.
2. **Matul Novembru:** *Home visits* lill-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof.

3. **Minn nofs Jannar sa nofs Frar:** Tberik tal-Familji kollha tal-Parroċċa (flok dak tradizzjonali fi żmien l-Għid).

4. **Wara San Ġorġ ta' April:** Laqgħat personali mal-għarajjes li qed jitħejjew għaż-Żwieġ.

## Ċ. **PROĠETTI**

1. **Rilokazzjoni u Ristrutturar tar-Radju LBV**
Ix-xogħol jinsab fl-aħħar fażi tiegħu. Saru l-istudjows u twaħħlu l-bibien. Qed nsitennew l-apparat il-ġdid u l-istallazzjoni.

2. **Konservazzjoni tal-Pitturi u l-Kwadri Laterali tal-Kor**
Dan il-proġett tlesta f'April u ġie inawgurat f'Ġunju.

3. **Konservazzjoni tal-Pittura u Rinnovazzjoni tal-Koppla minn ġewwa**
Il-fażi tal-konservazzjoni waslet fi tmiemha. Billi hemm l-*iscaffolding* ġa armat, ħsibna biex nagħmlu wkoll rinnovazzjoni tal-induratura tal-koppla. Filwaqt li l-antik ġie kkonservat, qed titkompla l-induratura fejn hi nieqsa biex dak li ma setgħux jagħmlu ta' qabilna minħabba li kien iż-żmien direttament wara l-Gwerra, jitlesta ġaladarba hemm l-armar ġa f'postu.

4. **Restawr tal-Koppla minn barra**
Dan il-proġett hu mitmum. L-armar għadu hemm minħabba li qed isiru studji dwar xi movimenti u xquq li kien hemm fil-koppla biex hekk jitwaħħal apparat li jkejjel xi movimenti li jista' jkun hemm fil-futur.

5. **Restawr tal-Faċċata**
Għandu jibda fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru. Se jinkludi wkoll ir-restawr tal-qniepen.

6. **AED**
Din isservi f'eventwalità ta' attakk jew waqfien tal-qalb. Dan l-apparat hu awtomatiku u malli tiftħu jiggwida lil min jużah, filwaqt li jekk ikun hemm bżonn, jagħti

b'mod awtomatiku xokkijiet li jistgħu jsalvaw ħajja. Dan l-apparat jinsab ħdejn il-bieb tal-Bażilika fi Triq Karità.

7. **Loop System**
Il-Bażilika tagħna issa hi iktar aċċessibbli wkoll għal min għandu nuqqas ta' smigħ. Min għandu *hearing-aid* jista' jissettjaha biex fil-Bażilika tagħna jkun jista' jisma' iżjed ċar. Dan l-apparat ġie stallat dan is-sajf u ġa qiegħed jaħdem.

8. **Grawnd żgħir għall-Parroċċa**
L-art għalih ġa akkwistajnieha. Dan il-proġett jinbeda hekk kif ikollna l-permessi meħtieġa.

Il-ġbir għall-proġetti ta' din is-sena laħaq is-**€46,000**, jiġifieri ninsabu proprju nofs triq biex naslu għas-somma ta' **€95,000** li għandna bżonn għal din is-sena. Is-sehem u l-ġenerożità ta' kull membru tal-Parroċċa huma importanti u jagħmlulna kuraġġ.

## Żomm ruħek aġġornat

- Isma' l-Avviżi tal-Quddiesa tal-Ħadd.
- Aqra l-Bullettin tal-Ħadd (jekk ma tirċevihx, avżana fl-Uffiċċju Parrokkjali jew b'email).
- Żur il-Websajt tal-Parroċċa www.stgeorge.org.mt.
- Agħmel *like* lill-Paġna ta' Facebook tal-Parroċċa www.facebook.com/stgeorge.org.mt.

t: **21556377** m: **79204434**
e: **info@stgeorge.org.mt**